**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 138/2016 AF**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**ILM Limited (C51862) (bhala l-kumpanija debitrici principali) u Ivan Lanzon Miller (bhala garanti in solidum mal-kumpanija debitrici principali)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Banif Bank (Malta) Ltd li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-kumpanija esponenti hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha.

Il-kumpanija debitrici principali hi klijenta tal-kumpanija esponenti u hadet minghandha self biex tkun tista' tmexxi l-hidma taghha.

Is-self kien jikkonsisti f'Business Loan u Overdraft ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) il-wahda, ghal total ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) u dawn nghataw ai termini ta' Credit Agreement datat 11 ta' Lulju 2013 (ara Dok. "A").

Il-konvenuti naqsu milli jhallsu lura dan is-self u konsegwentement, il-bilanc dovut mill-konvenuti hu kif gej:

a. Tmint elef, hames mija, wiehed u tmenin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€8,581.57), dovuti fuq il-Business Loan. Dan l-ammont jinkludi imghaxijiet ta' disgha u sittin Ewro u hamsa u sebghin centemzu (€69.75) kalkulati sat-18 ta' Jannar 2016 u jikkoncerna Loan Account numru 359580.71.001 (ara Dok. "B"), u

b. erbatax-il elf, hames mija, u tmienja u disghin Euro u zewg centemzi (€14,598.02) dovuti fuq l-Overdraft. Dan l-ammont jinkludi imghaxijiet ta' tmienja u sittin Ewro u wiehed u sittin centemzu (€68.61) kalkolati sat-18 ta' Jannar 016 u jikkoncerna Current Account numru 359580.10.001 (ara Dok. "C").

In vista tas-suespost l-ammont komplessiv dovut mill-kumpanija debitrici principali hu ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u disgha u sebghin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€23,179.59).

L-ammonti fuq imsemmija, saru dovuti fl-intier taghhom mill-kumpanija debitrici principali lill-kumpanija esponenti ai termini t'artikolu 12 tal-Credit Agreement gja citat u dan ghax kif jistipula dan l-istess Artikolu, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament.

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility".

Id-debitu soppracitat, hu wkoll dovut mill-konvenut l-iehor Ivan Lanzon Miller li in virtu ta' kuntratt datat 27 ta' Awwissu 2013, dahal bhala garanti solidali flimkien mal-kumpan
ija debitrici principali (ara Dok. "D").

Il-kumpanija esponenti ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsu d-dejn, fosthom permezz t'ittra legali datata 10 ta' Lulju 2015 (ara Dok. "E") u ittra ufficcjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, bin-numru 188/2015 u datata 17 ta' Settembru 2015 izda li giet kkontestata (ara Dok. "F"). Di konsegwenza, l-konvenuti baqghu inadempjenti u kien proprju ghalhekk li l-ftuh ta' din il-kawza sar necessarju.

Il-kreditu tal-kumpanija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpanija esponenti.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tiddikjara li l-konvenuti saru, flimkien u solidalment bejniethom, debituri tal-kumpaniji esponenti fl-ammont ta' €23,179.59; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-kumpanija esponenti flimkien u solidalment bejniethom l-ammont komplessiv ta' €23,179.59.

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mit-18 ta’ Jannar 2016 sad-datat tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ llum stess fejn Ivan Lanzon Miller personalment u ghan-nom ta’ ILM Limited ammetta t-talbiet.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta, tilqa’ t-tieni talba, tilqa’ t-tielet talba, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati in solidum.

IMHALLEF

DEP/REG